SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-wieħed u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Novembru 2008 fl-10:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

**Preżenti:**

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Diskussjoni dwar il-konfini**

3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li ser ikollu mas-Sindku tal-Kunsill Lokali Kerċem rigward skambju ta' partijiet mil-lokalitajiet taż-żewġ Kunsilli rispettivi. Il-Kunsill iddiskuta l-proposti kif imressqa mis-Sindku u sar qbil dwarhom u gie mitlub sabiex jipprocedi bid-diskussjonijiet mas-Sindku tal-Kunsill Lokali Kerċem jekk Kerċem jagħtuna tat-Dbieġi u l-Mixta aħna nagħtuhom 'l ponta ta' fuq id-Dwejra sa l-Ghadira.

**4.0 Siġra tal-Milied**

4.1 Is-Sindku rrefera għas-Siġra tal-Milied li ser jibgħatulna ta' Colle Umberto. Is-Siġra li kemm hi kif ukoll it-trasportazzjoni ser jiġu ffinanzjati kollha kemm huma minn Colle Umberto. Min naħa tagħhom huma talbuna biex nibgħatulhom rigal bħala tifkira. Ġie deċiz sabiex ma jintefqux ħafna flus għandna nixtrulhom xi sett pasturi jew bambin ta' Malta.

4.2 Is-Sindku semma' wkoll li fl-20 ta' Diċembru filgħaxija ser issir *videoconferencing* mal-ħbieb tagħna ta' Colle Umberto fejn direttament naqsmu l-awgurji tal-Milied.

**5.0 Żwieġ fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz**

5.1 Is-Sindku semma' li ġie avviċinat sabiex izewwegg il-kopja Marlene Formosa u Yamen Bakri fl-Ufficcju tal-Kunsill. Huwa semma' li minn informazzjoni li għandu dan ser ikun l-ewwel żwieġ ċivili li ser isir f'Kunsill Lokali f'Malta u Għawdex. It-tieġ ser isir il-Ħadd 30 ta' Novembru filgħodu. Il-Kunsill qabel li f'din l-okkażżjoni għandu jagħti rigal lill-koppja. Sar qbil li sabiex ma nonfqux flus għandna nitolbu *sponsor* lil xi lukanda għal *weekend break* sabiex jingħata bħala rigal lil din il-koppja.

**6.0 Ċelebrazzjonijiet tal-15 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali**

6.1 Is-Sindku rrefera għall-programm ta' attivitajiet kif maħruġ mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u li kopja tiegħu għandu jirċeviha kull kunsillier id-dar. Huwa ħeġġeġ lil membri kollha sabiex jipparteċipaw bi ħġarhom f'dawn l-attivitajiet.

6.2 Rigward l-attivita ta' l-għoti tad-demm, sar qbil li għandu jinħareġ avviż lill-pubbliku sabiex inħajruhom jingħaqdu mal-Kunsill f'dan il-ġest nobbli.

6.3 Rigward il-Wirja tal-pittura, sar qbil li għandna nikkuntatjaw xi artist mil-lokal u nħeġġuhom jesebixxu x-xogħolijiet tagħhom.

**7.0 Progett tas-Solar Heaters**

7.1 Is-Sindku rrefera għad-diversi laqgħat li qed ikellu Malta rigward dan il-proġett u li issa wasal fi stadju biex nieħdu decizjoni dwar liema prodott ser nimbarkaw fuqu. Il-Kunsill ikkonsulta ma' l-iskeda ta' prodotti kif provduta mil-kumpanija Famalco li magħha qed nagħmlu studju dwar l-aħjar prodotti li hawn fis-suq u anke dwar il-prezzijiet tagħhom. X'ħin il-kunsill evalwa l-istudju, elimina l-fatt li nagħzlu prodott Ċiniz li minkejja li huwa ħafna orħos fil-prezz, mhux ta' l-istess kwalita' ta' prodotti ohrajn. Għalhekk f'dan ir-rigward il-Kunsill għazel li jmur għal prodott grieg kif kien issugerit lilu anke minn esperti. Is-Sindku propona li f'dan ir-rigward għandna nħabbru dan il-proġett mal-pubbliku peress li ħafna nies qed jaħsbu sabiex jixtru solar heater minħabba r-rebate mogħtija mill-gvern. Is-Sindku informa lill-Kunsill ukoll li fil-laqghat li kien qed ikollu kiseb ukoll garanzija li min japplika mal-progett tal-Kunsill taghna jkollu garanzija li ser jircievi r-rebate li qed jaghti l-Gvern fl-ahhar *budget.*

7.2 Għalhekk sar qbil li għandna nagħmlu laqgħa ta' tagħrif lill-pubbliku nhar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru fil-5:00 ta' filgħaxija. Minn hemm nibdew niġbru l-applikazzjonijiet sabiex naraw x'inhu l-interess tal-pubbliku.

Il-laqgħa ntemmet f'nofsinhar.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***